# Uffiċjal tal-FKNK jinqabad fuq filmat jikser il-liġi sfaċċatament

- **Iffilmjat jispara fuq Gamiema protetta waqt li kien għall-kaċċa fil-Miżieb, post li mhux normalment assoċjat mas-Summien**
- **Wieħed minn diversi kaċċaturi ffilmjati jikkaċċjaw għall-Gamiem tul l-istaġun. Il-filmati kollha mgħoddija lill-pulizija**

BirdLife Malta għandha fil-pussess tagħha **filmat esklussiv** li juri wieħed mill-uffiċjali tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) jikser il-liġi sfaċċatament tul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa ta' din is-sena, ftit jiem qabel ma dan għalaq nhar is-Sibt.

Tul l-istaġun, b'mod partikolari fl-aħħar ftit jiem meta l-passa tal-Gamiem bdiet tilħaq il-qofol tagħha, BirdLife Malta rrappurtat li kien għaddej qtil rampanti tal-Gamiem minkejja li l-kaċċa għal dan l-għasfur protett ma kinitx permessa f'din ir-rebbiegħa, u l-istaġun suppost li kien miftuħ biss għas-Summien.

F'idejna għandna sigħat twal ta' filmati li juru l-kaċċa illegali li twettqet fuq din l-ispeċi vulnerabbli u *red-listed* tul it-tieni parti tal-istaġun, anke minħabba li sfortunatament il-Gvern ma ħax il-pariri li ngħata u fetaħ apposta staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa li ħabat mal-eqqel tal-passa tal-Gamiema.

Fost dawn il-filmati kollha – li aktar kmieni llum ġew mgħoddija lit-taqsima tal-Administrative Law Enforcement (ALE) tal-Pulizija – għandna filmati li juru lill-uffiċjal tal-FKNK Lawrence Vella bilqiegħda fid-dura tiegħu fil-Miżieb. Il-filmati nġibdu fis-16 ta' April u f'mument minnhom Vella jidher qed iqum bilwieqfa, jgħolli s-senter u jispara fuq Gamiema protetta tliet darbiet wara xulxin, bl-għasfur jidher ċar qed jaqa' mis-sema.

Lawrence Vella huwa uffiċjal tal-FKNK fuq is-sottokumitat tal-organizzazzjoni għall-Miżieb, post li l-federazzjoni tqisu bħala 'riserva għall-kaċċa'. Dan is-sottokumitat hu responsabbli mit-tmexxija tas-sit. Fil-filmati li qed nippubblikaw illum, qed ninkludu wkoll silta minn intervista li Vella kien ta lill-istazzjon nazzjonali TVM f'isem l-FKNK f'Settembru 2015. Anke dawn il-kummenti kienu nġibdu fil-Miżieb u l-filmat jidentifika b'mod ċar lil Vella bħala l-kaċċatur fil-każ ta' kaċċa illegali ffilmjat mit-timijiet tagħna ta' Spring Watch il-ġimgħa l-oħra.



Postijiet bħall-Miżieb – li hu mmaniġġjat mill-FKNK – huma kalamita għall-Gamiem u mhux għas-Summien, li kien l-unika speċi kaċċabbli dan l-istaġun. Minbarra l-fatt li l-Miżieb ma jipprovdix il-ħabitat adegwat għas-Summien, kif spjegat fil-kampanja #NotAQuail li nidejna qabel l-istaġun tal-kaċċa ta' din is-sena, il-metodi kif jiġi kkaċċjat is-Summien ivarjaw sew minn dawk tal-Gamiem. Differenza ewlenija hija li biex joqtlu l-Gamiema l-kaċċaturi jkunu bilqiegħda fid-dura u jistennewha tgħaddi minn fuq rashom, u mbagħad jisparaw lejn is-sema meta ttir minn fuqhom; waqt li min-naħa l-oħra s-Summien jiġi mgerrex minn mal-art.

Fil-filmati li qed noħorġu llum, Vella jidher fil-Miżieb bilqiegħda f'dura u jimmira lejn is-sema qabel jiftaħ in-nar. Minħabba li s-Summien kien l-unika speċi permessa li tiġi kkaċċjata f'dan l-istaġun, kull tir fuq għasafar fl-ajru – Gamiem u mhux – jindika ksur ta' liġi u qtil ta' tajr protett. Irrispettivament minn dan, it-tim ta' BirdLife Malta li kien qed jissorvelja l-inħawi u ġibed il-filmati identifika b'mod ċar it-tajra kkaċċjata illegalment bħala Gamiema.

Waqt li jikkonfermaw il-mewġa ta' kaċċa illegali fuq il-Gamiem kif antiċipat li se jiġri BirdLife Malta, episodji bħal dawn juru wkoll li l-kaċċaturi ġew jaqgħu u jqumu mis-sejħiet li għamlitilhom l-FKNK stess biex bl-ebda mod ma jipperikolaw id-deroga għall-kaċċa tal-Gamiem fir-rebbiegħa u josservaw il-liġi. Aktar serju huwa l-fatt li issa mhumiex biss membri tal-FKNK bil-miżata mħallsa li qed jinjoraw dawn is-sejħiet b'atti illegali, imma saħanistra anke uffiċjali tal-federazzjoni stess li suppost jagħtu l-eżempju.

Dan il-każ ta' profil għoli u l-każi l-oħrajn kollha huma wkoll xhieda li l-moratorju fuq il-kaċċa għall-Gamiem, għat-tieni sena konsekuttiva, kien biss daħqa fil-wiċċ, bil-kaċċaturi jinjorawh b'mod deliberat. Dan l-inċident juri wkoll kif il-kaċċa illegali hija mifruxa ferm aktar milli wieħed jista' jaħseb u l-Gvern ġie mgħoddi biż-żmien meta l-*lobby* tal-kaċċa għamlet pressjoni biex id-dati tal-istaġun jaħbtu mal-qofol tal-passa tal-Gamiem minn fuq Malta.

Ftit jiem qabel ma għalaq l-istaġun, l-FKNK iddikjarat pubblikament li ma kinitx se tittollera l-abbużi u wissiet li membri tagħha li jinqabdu jiksru l-liġi u jinstabu ħatja se jiġu sospiżi u l-liċenzja tal-kaċċa tagħhom tiġi rtirata. Aħna konvinti li bl-evidenza ċara li qed nippreżentaw illum, l-FKNK se tgħaddi mill-paroli għall-fatti u tissospendi immedjatament lill-uffiċjal tagħha - li nqabad fuq filmati jikser il-liġi - mir-rwol tiegħu u anke minn membru, tikkundanna l-azzjonijiet tiegħu, tiddiżassoċja ruħha mill-aġir tiegħu, u fuq kollox tikkollabora mal-awtoritajiet tal-infurzar biex jitressaq quddiem il-ġustizzja.

Fl-aħħar nett, b'rabta mal-vittmi tal-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa ta' din is-sena, minn meta għalaq l-istaġun nhar is-Sibt BirdLife Malta u l-pulizija komplew jirċievu aktar għasafar protetti mejtin u milqutin li kollha ġew ikkonfermati mill-veterinarju li spiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali minkejja li l-istaġun issa huwa magħluq. Wara t-18-il għasfur li nġabru tul l-istaġun bejn l-1 u l-21 ta' April, fl-aħħar jiem daħlu erba' għasafar oħra protetti feruti jew mejta fosthom żewġ Gamimiet oħra, bit-total issa jammonta għal 22. Din hija żieda ta' sebgħa għasafar protetti meta mqabbel man-numri tal-2017.

**TMIEM**



**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://youtu.be/cF462VSZ_To**

- Il-filmati li juru l-uffiċjal tal-FKNK jispara fuq Gamiema protetta minn dura fil-Miżieb fis-16 ta' April. Dawn il-filmati ġew mgħoddija lill-pulizija

**Ritratti mehmużin:**

- Għażla ta' ritratti meħudin mill-filmati esklussivi li juru uffiċjal tal-FKNK jispara fuq Gamiema protetta

